KULLEĠĠ SAN TUMAS MORE

L-Eżami ta' Nofs is-Sena 2016

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema
## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Aqra l-iskript bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.
3. L-iskript aqrah darbtejn, kwarta kull darba.

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

(Wara 5 minuti)

***Issa se naqralkom storja li omm qrat lil uliedha tewmin qabel raqdu. Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba.***

***Waqt li qed naqra s-silta tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***

***Se nibda.***

Jum fost l-oħrajn, Mark u oħtu Alice kienu mexjin ġo foresta misterjuża. Għalkemm kienu ftit beżgħana, kienu kurjużi għax dejjem xtaqu jżuru dan il-post li tant kienu semgħu dwaru. Kellhom seba' mitt sena biex jaraw kif se jsibu t-teżor li kienu ilu moħbi għal snin twal.

Ir-riħ beda jvenven u f'daqqa waħda bdiet nieżla xita qliel. It-tfal ma kinux jafu fejn se jaqbdu jistkennu. B'xorti tajba Alice rat għar ftit 'il bogħod minnhom u telqu jiġru b'kemm kellhom saħħa.

L-aħwa bdew jitħassbu li l-ġenituri tagħhom se jibdew jinkwetaw li għadhom ma ġewx lura d-dar. Wara ħafna diskussjonijiet, Mark u Alice qablu li hekk kif tieqaf ix-xita, jitilqu lura d-dar u ma jerġgħux jiġu f'dan il-post waħedhom u mingħajr permess.

Hekk kif ix-xita waqfet, it-tfal ħarġu mill-għar u bdew it-triq lura lejn darhom. Ħabta u sabta ħassew l-art tirtogħod! It-tfal intebħu li dawn kienu passi. Xi ħadd kien riesaq lejhom. Raw siġra kbira u staħbew warajha.

Alice għelbitha l-kurżità u ttawlet ftit minn wara s-siġra. Ma riditx temmen dak li rat quddiemha! Kien ġgant enormi, itwal minn kull siġra li kien hemm fil-foresta! Mingħajr ma ħallietu jaraha, reġgħet staħbiet wara s-siġra u b'ħasda fuqha, qalet lil Mark b'dak li rat.

Meta sema' dak li qaltlu oħtu, għamel kuraġġ u beda jittawwal ftit minn wara s-siġra biex jara x'kien se jagħmel il-ġgant. Ra lill-ġgant iħaffer ħofra u ġo fiha tefa' kuruna tad-deheb u bosta ġojjelli. Fl-aħħar għatta l-ħofra b'mod perfett biex ħadd ma jinduna b'xejn.

It-tfal baqgħu wara s-siġra sakemm kienu ċerti li l-ġgant telaq u li mhux qed jarahom. Ħarġu minn wara s-siġra, ħaffru kif setgħu u ħadu l-kuruna u ftit mill-ġojjelli. Ħassew idejhom tqal ċomb.

Kien dlam ċappa. Fi triqthom lura lejn id-dar, it-tfal bdew jaħsbu jekk il-ġenituri tagħhom kinux se jifirħu bit-teżor jew kinux se jirrabjaw magħhom u jwissuhom biex ma jerġgħux imorru fl-ebda post mingħajr il-permess tagħhom.

*Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tibdew taħdmu t-tweġibiet.*

*Mela, issa se naqralek Taħriġ A.*
*Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha skont dak li smajt fis-silta.*

*In-numru wieħed*
L-aħwa kien jisimhom:
a) Sarah u Alice.
b) Mark u Alice.
ċ) Mark u Bernice.

*In-numru tnejn*
It-tfal kienu:
a) beżgħana u kurjużi.
b) fitti u ferħana.
ċ) storbjużi u sinjuri.

*In-numru tlieta*
Huma daħlu jistkennu:
a) taħt siġra.
b) ġewwa dwejra.
ċ) ġewwa għar.

*In-numru erbgħa*
L-aħwa marru ġol-foresta misterjuża:
a) bil-permess tal-ġenituri.
b) mingħajr il-permess tal-ġenituri.
ċ) bil-permess t'ommhom.

*In-numru ħamsa*
Il-ġgant kien:
a) xiħ.
b) żagħżugħ.
ċ) twil.

*In-numru sitta*

Fil-ħofra tefa':

a) kuruna.

b) kuruna u ġojjelli.

ċ) kuruna u flus.

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.***

*In-numru wieħed*

Meta t-tfal marru ġewwa l-foresta, ir-riħ kien qawwi. ***Veru jew Falz?***

*In-numru tnejn*

Waqt li kienu fil-foresta, bdiet tagħmel ħafna xita. ***Veru jew Falz?***

*In-numru tlieta*

Mark u Alice staħbew wara ħajt tas-sejjieħ. ***Veru jew Falz?***

*In-numru erbgħa*

L-ewwel li ttawwal minn wara s-siġra kien Mark. ***Veru jew Falz?***

*In-numru ħamsa*

Huma ħadu kull ma sabu fil-ħofra. ***Veru jew Falz?***

*In-numru sitta*

Meta t-tfal marru lura d-dar, kien sar ħafna ħin. ***Veru jew Falz?***

*Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.*
*Imla l-vojt b'kelma waħda mis-silta.*

*In-numru wieħed*
Mark u Alice kienu mexjin ġewwa foresta ________________.

*In-numru tnejn*
It-teżor kien ilu moħbi għal ________________ twal.

*In-numru tlieta*
L-aħwa qablu li kif tieqaf ________________, jitilqu lura d-dar.

*In-numru erbgħa*
Il-ġgant kien itwal minn kull ________________ fil-foresta.

*In-numru ħamsa*
Il-ġgant għatta l-ħofra b'mod ________________ .

*Issa wasalna għall-aħħar taħriġ, it-Taħriġ D.*
*Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta billi taqta' sinjal taħtha.*

*In-numru wieħed*
It-tfal kellhom **seba' mitt sena** biex isibu t-teżor. L-espressjoni **seba' mitt sena** tfisser:

a) ma kellhomx għaġla biex isibu t-teżor.
b) kienu lesti li jdumu ħafna snin biex isibuh.
ċ) kienu ħerqana u eċitati biex isibu t-teżor.

*In-numru tnejn*
**Ħabta u sabta** ħassew l-art tirtgħod. L-espressjoni **ħabta u sabta** tfisser:

a) bdew iħabbtu mal-art.
b) f'daqqa waħda.
ċ) kien hemm ħafna taħbit u tisbit.

*In-numru tlieta*

Alice **għelbitha l-kurżita'** u ttawlet ftit minn wara s-siġra. L-espressjoni **għelbitha l-kurżita'** tfisser:

a) ma kinitx kurjuża.

b) ma kellhiex interess tħares.

ċ) ma felħitx tissaporti u ħarset.

***Issa se nerġa' naqralkom l-istorja u wara l-mistoqsijiet. Tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.***

**Wara li taqra s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba agħti ftit minuti lit-tfal biex tara li jkunu lesti. Fl-aħħar tista' tgħid:**

***Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.***